MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2013

Appell Kriminali Numru. 508/2012

**Appell Nru. 508/2012**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Sandra Zammit)**
**Vs**
**Cajetan Cilia**
**Omissis**
**Omissis**

**Illum 13 ta’ Gunju, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 649447 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fil-kwalita` taghhom ta’ diretturi u/jew rapprezentanti guridici tas-socjeta` Publishers Enterprises Group (PEG) Limited (C 6404), b’indirizz registrat Peg Buildings, UB 7, Industrial Estate, San Gwann Malta, u/jew bhala l-persuni li kontu nkarigati mill-istess socjeta` sabiex ihallsu l-pagi

dovuti, naqsu li jhallsu l-bonus statutorju ghal perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2009 sal-15 ta' Mejju 2009 li jammonta ghal €99.90, l-weekly allowance ghal perjodu bejn l-1 ta' April 2009 sal-15 ta' Mejju 2009 li jammontaw ghal €27.96, vacation leave ghal perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2009 sal-15 ta' Mejju 2009 li jammontaw ghal €446.40 u n-notice ghal perjodu bejn it-18 ta' Mejju 2009 sas-17 ta' Gunju 2009 li jammonta ghal €1,240.40 li b'kollox jammontaw ghal elf, tmien mija u erbatax-il Ewro u sitta u sittin centezmu (€1,814.66) li kienu dovuti lil ex-impjegat tas-socjeta` hawn fuq imsemmi, u cioe` lil Joseph Vella fil-15 ta' Mejju 2009 meta l-impjieg tieghu gie terminat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 t'Ottubru, 2012, li biha, wara li rat l-artikoli 5, 22, 23, 36, 45 u 46 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 8 u 22 tal-Avviz Legali 247 tal-2003 kif emendat bl-Avviz Legali 427 tal-2007, il-Qorti sabet lill-appellant Cajetan Cilia hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta illiberatu bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien tnax (12)-il xahar u kkundannatu sabiex sa zmien sitt (6) xhur ihallas lil Joseph Vella s-somma ta' elf tmien mija u erbatax-il Ewro u sitta w sittin centezmu (€1814.66).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-6 ta' Novembru 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu din sabet lill-appellant hati tal-akkuza migjuba kontrih u tilliberah mill-imsemmija akkuza.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-ewwel aggravju jirrigwarda s-sejba tal-htija ta l-esponent fil-kommissjoni tar-reat kontemplat fl-akkuza u cioe' n-nuqqas ta' hlas ta' bonus, weekly-allowance,

vacation-leave u n-Notice period lill-impjegat fil-perjodu hawn fuq imsemmi.  Huwa koncess li Artikolu 46 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta Malta jistabilixxi Ii:

*“kull persuna li fiz-zmien li jkun sar ir-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew ufficjal iehor bhal dawk ta’ dik is-socjeta`, kumpanna, ghaqda jew korp iehor ta ‘persuni, jew kienet tidher li qed tagixxi f‘xi kariga tali, titqies li tkun hatja ta’ dak ir-reat jekk ma tippruvax li r-reat sar minghajr it-taghrif taghha u li kienet ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex timpedixxi l-ghemil tar-reat.”*

Illi l-Official Receiver tar-Registru tal-Kumpaniji. is-sur Kevin Azzopardi kkonferma. bhal ma juru d-dokumenti. Ii fid-9 ta Gunju 2009 l-arnministrazzjoni tal-kumpanija tqieghedet mill-Qorti f’idejn Dr Richard Galea Debono bhala Kontrollur Specjali, li dam f’din il-kariga sat-8 t’Awwissu 2009 meta imbaghad gie norninat Dottor Stefano Filletti bhala Stralcjarju.  Aktar tard it-tmexxija tal-kumpanija ghaddiet f’idejn l-Official Receiver tar-Registru tal-Kumpaniji.  Dan ifisser li mid-9 ta Gunju 2009 ‘il quddiem. l-esponenti ma kellu ebda setgha imiss assi tal-kumpanija biex ikun jista’ jhallas kwalunkwe hlasjiet dovuti.

Illi bhal ma turi l-akkuza, il-parte civile thallset il-paga bazika, imma ma haditx drittijiet ohra dovuti mill-1 ta Jannar ta dik is-sena stess.  Meta f’dawk l-ewwel xhur tas-sena l-esponent kellu indikazzjonijiet Ii l-pagi qed jithallsu,  xejn ma kellu hjiel Ii kien hemm hlasijiet ohra dovuti lill-haddiema.  Meta s-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpanija marret f’daqqa wahda l-bahar u kellhom jitwaqqfu l-haddiema mix-xoghol, l-esponent ma kienx f’qaghada Ii jista` jsalva s-sitwazzjoni ghaliex il-kotba kienu kollha f’idejn id-direttur l-iehor.  F’temp ta ftit gimghat it-tmexxija taI-kumpanija ghaddiet f’idejn Kontrollur Specjali li ghameI l-almu tieghu biex fost affarijiet ohra ihallas il-hlasijiet dovuti lill-haddierna, izda dan ma setax isib irkaptu u fuq rakkomandazzjoni tieghu l-Qorti qeghdet il-kumpanija fi stat ta stralc. Dan ifisser li l-anqas il-Kontrollur Specjali, espert mahtur mill-Qorti, ma kellux soluzjoni ghal din il-problema: bil-proceduri ta stralc

setghu jigu likwidati l-assi tal-kumpanija u l-flus jintuzaw biex fost affarijiet ohra jithallsu l-haddiema. Gara izda li l-istralcjarju nominat, ghal ragunijiet tieghu, ma kompliex l-inkarigu, u anqas stralcjarju li gie nominat sussegwentement ma kompla bl-inkarigu tal-istralc, b’dan li l-likwidazzjoni tal-kumpanija PEG Enterprises Group (PEG) Limited ghadha pendenti sal-lum. Dawn il-proceduri wasslu biex il-haddiema jithallsu l-ammonti dovuti lilhom minn Fond imwaqqaf apposta ghal dan. Kredituri ohrajn qamu u daru kontra d-diretturi personalment, li sa fejn setghu hallsu b’kull ma kellhom, inkluz bil-bejgh ta djarhom.

Illi dan kollu qed jinghad ghaliex wara snin ta’ success. ghall-esponent kien sufficjenti li lejn l-ahhar ta kull sena jara li l-kredituri, inkluzi l-haddiema tal-istess kumpanija, qed jithallsu regolarment. I!-gwaj qam fl-2009 u qabel ma l-esponent seta’ biss jirrealizza, il-kumpanija wehlet u t-tmexxija taghha ghaddiet f’idejn haddiehor, b’dan li l-esponent ma setax jevita dak li gara.

2. Illi t-tieni aggravju jirreferi ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Jirrizulta, bhal ma tinnota l-Ewwel Onorabbli Qorti, li l-parte civile kellha l-impieg terminat fil-15 ta Mejju 2009. L-Ewwel Qorti tghid li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni (Artikolu 47 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta Malta) kellha tigi michuda ghaliex l-esponent kien notifikat fl-4 ta Frar 2010. Madankollu r-riferta li intwera l-esponent kienet tghid li n-notifika saret fit-2 ta Novembru 2010 u ghalhekk wara li skadiet is-sena preskritta minn Artikolu 47.

Ikkunsidrat:

Originarjament din il-kawza infethet kontra tlett (3) persuni – l-appellant odjern Gaetano Cilia, Manuel Debattista u Valerie Debattista. Il-procediment kontra din tal-ahhar gie irtirat, waqt li Manuel Debattista miet fil-mori tal-kawza u l-procediment fil-konfront tieghu gie dikjarat ezawrit. Ghalhekk il-kawza tkompliet biss kontra Gaetano Cilia.

Ikkunsidrat:

Irrizulta li l-appellant kien wiehed mid-diretturi tas-socjetà Publishers Enterprises Group (PEG) Limited, b'indirizz registrat PEG Buildings, UB7, Industrial Estate, San Gwann, Malta. Id-direttur l-iehor kien Manuel Debattista. Jidher illi l-arrangament kien illi Manuel Debattista jiehu hsieb l-amministrazzjoni tas-socjetà waqt li Gaetan Cilia jiehu hsieb il-parti teknika. Ghal hafna snin il-kumpanija marret tajjeb u qatt ma kien hemm problemi bil-hlas tal-pagi u debiti ohra tal-kumpanija. Però ghal habta tal-elfejn u tmienja (2008) l-affarijiet bdew sejrin hazin, sakemm f'Marzu tal-elfejn u disgha (2009) kien ovvju li l-kumpanija ma setghetx tlahhaq mad-djun illi kellha u ma kinitx f'pozizzjoni illi thallas aktar pagi lill-haddiema.

Fid-disgha (9) ta' Gunju tal-elfejn u disgha (2009) l-Avukat Richard Galea Debono gie nominat bhala amministratur provvizorju u dam f'din il-kariga ghal xi xahrejn fejn ghamel rapport li l-kumpanija tant kellha djun illi ma setghetx tirkupra. Il-Qorti ordnat l-istralc tal-kumpanija u innominat lill-Avukat Dottor Stefano Filletti bhala stralcjarju. Dan ukoll wasal ghall-istess konkluzjoni illi wasal ghaliha Dottor Galea Debono fis-sens illi d-djun kienu tant kbar li ma kienx hemm tama illi jistghu jithallsu l-kredituri. Il-Qorti ezonerat lill-Avukat Filletti mill-inkarigu u poggiet il-kumpanija "in receivership" taht il-gwida ta' Dottor Spiteri Staines. Sadanittant gie stabbilit illi flus ma kienx hemm biex jithallsu l-haddiema u ghalhekk dawn irrikorrew ghall-Korporazzjoni ta' Xoghol u Tahrig li ddecidiet li taghmel uzu minn "guarantee fund" li biha l-impjegati kienu jithallsu parti mill-paga dovuta. Dina tithallas fuq rata tal-minimum wage. Mal-hlas, però, issir dikjarazzjoni mir-ricevitur jew impjegat illi jobbliga ruhu illi jaghti lura lill-"guarantee fund" is-somma li jkun ircieva jekk hu jircievi xi flus minghand il-likwidatur jew permezz ta' xi proceduri ohra legali. Peress illi l-appellant kien wiehed mid-diretturi tal-kumpanija gie mfittex mill-Korporazzjoni sabiex ihallas lill-impjegati l-ammonti dovuti bhala paga sal-gurnata tat-terminazzjoni tal-impjieg li jvarja minn Mejju sa Awwissu tal-elfejn u disgha (2009).

B'sentenza moghtija fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru tal-elfejn u tnax (2012) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati u illiberatu taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena u imponiet terminu ta' sitt (6) xhur sabiex ihallas l-ammonti dovuti lill-impjegati.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u appella minnha u l-aggravji tieghu jikkoncernaw principalment il-fatt illi bhala direttur tekniku tal-kumpanija ma kienx involut fl-amministrazzjoni u ghalhekk ma kienx jaf li l-kumpanija kienet sejra hazin u meta sar jaf dan ghall-habta ta' Marzu tal-elfejn u disgha (2009) kien tard wisq sabiex seta' jaghmel xi haga jew isalva lill-kumpanija u l-impjieg tal-impjegati. Barra minn hekk, eccepixxa ukoll il-preskrizzjoni ta' sena fil-kuntest tal-artikolu 47 tal-Kap 452.

Ikkunsidrat:

Ghal dak li jirrigwarda l-preskrizzjoni, l-artikolu 47(1) tal-Kap 452 jippreskrivi terminu ta' sena fejn jistghu jibdew f'kull zmien, il-proceduri kontra persuna ghall-hlas lura ta' paga jew nuqqasijiet ohra in konnessjoni ma' impjieg ta' persuna. Din is-sena tibda tiddekorri mill-gurnata illi l-impjegat ikun ircieva avviz tat-terminazzjoni tal-impjieg minghajr ma jkun ircieva wkoll il-hlas tieghu. Minn dak il-mument l-impjegat jew il-Korporazzjoni tax-Xoghol tkun tista' tfittex lid-direttur ghall-hlas tal-paga u minn dak il-mument tibda tiddekorri l-preskrizzjoni. Però, is-sub artikolu 2 tal-istess artikolu 47 jikkwalifika dan il-perjodu meta jghid, "Fejn ir-reat jirreferi ghan-nuqqas lill-principal li jhallas il-paga lill-impjegat jew in-nuqqas illi jaghti vaganzi bi hlas kif mehtieg ... ir-reat jitqies illi hu reat kontinwat jekk il-principal ikun naqas li jhallas il-paga dovuti lill-impjegat regolarment matul il-perjodu ta' preskrizzjoni." F'dan il-kaz, irrizulta illi l-appellant bhala l-principal imsemmi f'dan is-sub artikolu naqas illi jhallas il-pagi dovuti lill-impjegati tieghu matul il-perjodu ta' preskrizzjoni. Ghalhekk ir-reat hu meqjus bhala wiehed kontinwat, u jibqa' hekk kontinwat sakemm il-principal ikun hallas il-pagi dovuti. Kwindi f'dawn ic-cirkostanzi l-preskrizzjoni ma

tibdiex tiddekorri u l-appellant ma jistax jibbenefika minnha. Ghalhekk il-Qorti qieghda tichad dan l-aggravju.

Ghal dak li jirrigwarda l-mertu l-appellant qieghed jghid illi huwa ma kienx responsabbli ghall-hlasijiet tal-pagi u kien ghamel minn kollox sabiex jara illi dawn ikunu mhallsin u ghalhekk ma kellux ikun responsabbli tan-nuqqas ta' hlas. L-impjegati fil-fatt xhedu illi ghal dak li jirrigwarda l-amministrazzjoni tal-kumpanija u l-hlasijiet tal-pagi dejjem kienu jirreferu ghad-direttur Emanuel Debattista, mentri meta tkun xi haga teknika li tikkoncerna l-magni u l-operat taghhom, jirrikorru ghand l-appellant. L-appellant jghid illi s-sengha tieghu dejjem kienet ta' stampatur u kien fis-snin disghin li Emanuel Debattista avvicinah sabiex jahdem mal-kumpanija li ried iwaqqaf, PEG Limited. L-appellant kellu wkoll shareholding zghir u gie nominat direttur. L-ordnijiet kien igibhom Debattista u l-appellant kien jiehu hsieb jaqdi dawk l-ordnijiet u jwassalhom sal-ahhar. Ghal dak li jirrigwarda l-hlas kien jiehu hsieb kollox Debattista. L-appellant kien jiehu hsieb il-parti teknika tal-kumpanija u jara li l-produzzjoni tibqa' ghaddejja b'mod normali.

Induna li gara xi haga wara li l-kumpanija irceviet sekwestru fuq il-magni ta' stampar u ma setghux jahdmu aktar. Sa fejn kien jaf hu, il-haddiema tal-kumpanija dejjem thallsu u kien biss wara s-sekwestru illi ma setghux ihallsu. L-affarijiet baqghu sejrin ghall-aghar sakemm fl-ahhar il-kumpanija marret "in liquidation". L-appellant jghid illi l-kumpanija kellha xoghol regolari u kien jiltaqa' ta' kuljum ma' Debattista sabiex jiddiskutu l-andament tan-negozju. Fl-elfejn u sebgha (2007) xtraw magni godda biex ikunu aggornati maz-zmien u din kienet decizjoni mehuda mit-tnejn li huma, però waqghu lura fil-pagamenti taghhom. Kien jaf illi waqghu lura izda ma kienx jaf bil-gravità tas-sitwazzjoni. Debattista kien jghidlu li kollox kien sew u ordnijiet kellhom u xoghol kien ghaddej u baqghu jipproducu sal-ahhar. Ghalhekk kienet sorpriza ghalih meta gew infaccati bis-sekwestru. L-impjegati jaf illi kellhom jithallsu u bdew ibieghu l-istock illi kellhom, il-kotba u l-magni sabiex ikunu jistghu jhallsu lill-haddiema però l-kredituri kienu qabzu fuqhom u ma hallewhomx jaghmlu pagamenti ghan-nom tal-kumpanija.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti tissimpatizza mas-sitwazzjoni illi sab fiha l-appellant. Bil-mewt ta' Debattista l-piz waqa' kollu fuqu u issa jrid jipprova sal-grad tal-probabilità illi huwa ghamel minn kollox biex jevita din is-sitwazzjoni jew li r-reat ikun sar minghajr it-taghrif tieghu. Veru, jista' jkun illi l-amministrazzjoni tal-kumpanija kienet f'idejn Debattista u l-appellant kien jiehu hsieb il-parti teknika, però l-istess appellant jghid illi huwa kien jiltaqa' kuljum ma' Debattista u kienu jiddiskutu l-andament tax-xoghol. Il-kumpanija kellha ukoll accountant illi kien jiehu hsieb il-pagamenti kif ukoll l-introjtu tal-kumpanija. Ghalhekk bhala kumpanija mwaqqfa regolari, bi struttura regolari, il-Qorti difficli tifhem kif jista' jkun illi l-appellant ma kienx jaf x'kien ghaddej aktar u aktar meta hu stess jikkonferma illi kien jaf illi kienu waqghu lura fil-pagamenti tal-hlas tal-magni li kienu xtraw fl-elfejn u sebgha (2007).

L-artikolu 46 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta ma jhalli l-ebda dubbju min ghandu jwiegeb f'sitwazzjonijiet bhal dawn meta jghid: "Meta reat kontra d-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att jew xi regolamenti jew ordnijiet maghmula bis-sahha tieghu jsir minn socjetà, kumpanija, ghaqda jew korp iehor ta' persuni, kull persuna li fi zmien li jkun sar ir-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew ufficcjal iehor bhal dawk ta' dik is-socjetà,  kumpanija, ghaqda jew korp iehor ta' persuni, jew kienet tidher li qed tagixxi f'xi kariga tali, titqies li tkun hatja ta' dak ir-reat jekk ma tippruvaw li r-reat sar minghajr it-taghrif taghha u li kienet ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex timpedixxi l-ghemil tar-reat."

Issa, bhalma ntqal fis-sentenza "Il-Pulizija versus George Barbaro Sant" moghtija minn din il-Qorti fit-18 ta' Ottubru 2007 meta kienet qed tikkonsidra l-artikolu 13 tal-Kap 249 (provvediment ekwivalenti ghall-artikolu 46 tal-Kap 452 appena citat): "Dan ifisser illi jekk il-Prosekuzzjoni tasal biex tipprova li sar reat mis-socjetà kummercjali li taghha l-appellant kien direttur fi zmien tal-kommissjoni tar-reati, ikun hemm prezunzjoni *iuris tantum* tal-htija tieghu wkoll individwali sakemm ma jippruvax almenu sal-grad tal-

probabilità rikjest mill-akkuzat fi proceduri kriminali li r-reat ikun sar minghajr it-taghrif tieghu u li jkun ezercita d-diligenza kollha xierqa biex jevita l-ghemil tar-reat inkwistjoni.”

L-appellant qieghed jargumenta ukoll illi fid-disgha (9) ta’ Gunju tal-elfejn u disgha (2009) l-amministrazzjoni tal-kumpanija ttiehdet minn idejn id-diretturi u tpoggiet f’idejn l-Avukat Galea Debono. La darba gew eżawterati minn l-awtorità kwindi ma kellhomx ikunu responsabbli ghal dak kollu li gara wara. Però bejn Mejju u Awwissu tal-elfejn u disgha (2009) Emanuel Debattista qua direttur tal-kumpanija kien qed jiffirma t-“termination of employment” tal-impjegati. Veru illi ma kellux dritt jaghmel hekk però dan ghamlu b’intenzjoni tajba ghaliex kellu ghal qalbu l-benessere tal-impjegati. U l-appellant ma kellux jinzamm responsabbli ghax Debattista ffirma dokument illi mhux suppost li ffirma!

Ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad illi l-ittri li kiteb Debattista bejn Mejju u Awwissu tal-elfejn u disgha (2009) kitibhom bhala direttur tal-kumpanija u kwindi rabat ukoll lill-appellant. Irrizulta illi d-debiti tal-kumpanija akkumulaw matul is-snin u l-appellant bhala direttur kellu jgorr il-piz tar-responsabiltà li ha meta ddecieda li jkun direttur, allura ma kellux jezimi ruhu mir-responsabiltà li jara li l-kumpanija tkun f’pozizzjoni li tonera l-obbigazzjonijiet taghha. Jekk l-appellant kien jiltaqa’ ta’ kuljum ma’ Debattista biex jiddiskutu l-andament tax-xoghol u la kien jaf li kien hemm debiti tal-kumpanija peress illi waqghu lura fil-pagamenti tal-magni, l-appellant kien fid-dover li jinforma ruhu bil-vera sitwazzjoni tal-kumpanija u ma jistax jabdika minn din ir-responsabiltà billi jghid illi huwa ma kienx jaf x’inhu ghaddej ghax hu kien responsabbli biss mill-parti teknika tal-kumpanija. Din zgur ma toperax b’ghajn maghluqa peress illi l-appellant jaghmel ordnijiet ghal affarijiet teknici u materja prima sabiex il-kumpanija tkun tista’ tahdem u allura zgur kien ikun jaf illi x’uhud minn dawn l-ordnijiet ma kinux qieghdin jithallsu. Jista’ jaghti l-kaz illi kemm hu kif ukoll Debattista kellhom ghal qalbhom l-operat tal-

kumpanija u l-haddiema illi kellhom maghhom. però dana mhux il-mod kif tista' topera kumpanija f'dawn iz-zminijiet moderni fejn l-inefficenza ma tahfirha lil hadd. Hekk kif id-diretturi indunaw illi waqghu lura fil-pagamenti u ma kinux se jkunu f'pozizzjoni illi jhallsu l-pagi tal-haddiema, imisshom waqqfu l-operat tal-kumpanija u jirkupraw minnha dak li jistghu, mhux jibqghu jahdmu u joperaw, jircievu l-ordnijiet u jahdmu bit-telf b'tali mod li llum il-kumpanija ma tistax tigi salvata.

F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti jidhrilha illi l-appellant ma ippruvax lanqas sal-grad ta' probabilità rikjest mil-ligi li r-reat sar minghajr it-taghrif tieghu u li kien ezercita d-diligenza kollha xierqa biex jevita l-ghemil tar-reat inkwistjoni. Ghalhekk l-aggravju dwar il-mertu wkoll qed jigi respint.

Din il-Qorti ghamlet apprezzament approfondit tal-provi illi kellha quddiemha l-ewwel Qorti u waslet ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha. Ghalhekk mhux il-kaz illi d-deskrizzjoni taghha tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata b'dana però illi l-perjodu ghall-hlas jibda jiddekorri mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------